# DEBĦA*

*Ta'* Val. V. Barbara, O.P.

Le, mhux l-imrar u l-ħall li sqewh b'kull ħjiena
Riedet dil-għajta li minn Qalb mimlija
Bl-imħabba nstemgħet, ma fehmux il-ħżiena
Ix-xewqa kbira f'dak il-għatx moħbija.

Għatx ta' l-erwieħ b'dik l-għajta Ġesù wriena,
W intom fhimtuha, żgħażagħ qalbenija,
Taħt is-salib irsaqtu, kollkom ħniena,
Biex tiġbru d-Demm u ssaqqu l-art mifdija.

Ġerusalemm il-ġdida hienja semgħet
Kelma minn fommkom, kull ħajr niżel fuqkom
Xħin din kelmitkom lejn is-sema telgħet.

Il-lum f'riġlejn il-midbaħ, fl-art mixħuta,
Fl-hena ta' ruħkom intemmet xewqitkom:
Qalbkom ma' Qalb Ġesù saret marbuta.

* F'jum il-wegħdiet solenni.